# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 59/2018 MH**

**Illum, 7 ta' Frar, 2020**

**Aluminium Extrusions Ltd (C 7322)**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali u l-Malta Industrial Parks Limited (C 28965) għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tas-soċjeta' Aluminium Extrusions Limited tal-21 ta' Mejju 2018** li permezz tiegħu esponiet:

*"Illi wara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-tmienja u għoxrin t'April tas-sena elfejn u sbatax (28.04.2017) fl-ismijiet Aluminium Extrusions Limited C7322 vs Malta Industrial Parks Limited C28965, is-soċjeta` rikorrenti*

*intavolat rikors għal ritrattazzjoni li jġib in-numru 77/2008/2 u kontestwalment rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-istess sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell li jġib in-numru 337/2017/1;*

*Illi l-imsemmi rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ġie appuntat għas-6 ta' Marzu 2018 u ġie assenjat lill-Qorti tal-Appell bl-istess komposizzjoni tal-Qorti tal-Appell li kienet tat is-sentenza tat-tmienja u għoxrin t'April tas-sena elfejn u sbatax (28.04.2017);*

*Illi jirriżulta illi fl-ewwel udjenza quddiem dik il-Qorti, is-soċjeta` esponenti tramite d-difensur tagħha, talbet ir-rikuża tal-Imħallfin sedenti u dan stante li l-istess Imħallfin kienu ddeċidew is-sentenza li tagħha s-socjeta` esponenti kienet qed titlob ritrattazzjoni u sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza;*

*Illi jinghad li d-deċiżjoni li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u dwar liema kienet qed tintalab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza kienet titratta spoll u eżitu negattiv fuq sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza jkun ifisser li s-socjeta` Malta Industrial Parks tista' tgħaddi l-pussess tal-fond mertu tal-kawża lil terzi; bil-konsegwenza li r-ritrattazzjoni tkun effettivament saret għalxejn u ma jkunx għad fadal skop għas-smiegħ tal-istess;*

*Illi t-talba tas-soċjeta` esponenti għar-rikuża tal-Imħallfin sedenti kienet prinċipalment fid-dawl tal-fatt, li bit-talba tagħha għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza, l-istess soċjeta` kienet qed titlob li l-Qorti b'mod oġġettiv terġa' tara l-atti u tissospendi l-effetti tas-sentenza mogħtija minnha stess biex is-soċjeta` rikorrenti ma ssofrix preġudizzji. Fl-umli fehma tas-soċjeta` esponenti, l-Imħallfin in kwistjoni ma kinux parzjali meta prattikament kienu qed jintalbu 'jirrevedu' xogħolhom u jilqgħu talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-istess;*

*Illi madanakollu jirriżulta illi b'sentenza tat-tlettax t'April tas-sena elfejn u tmintax (13.04.2018), dik il-Qorti kif preseduta ċaħdet it-talba tas-soċjeta` esponenti għar-rikuża u sussegwentement b'sentenza oħra tal-ħamsa u għoxrin ta' April tas-sena elfejn u tmintax (25.04.2018) għaddiet biex iddeċidiet l-istess talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u effettivament ċaħdet l-istess;*

*Illi s-soċjeta` esponenti qed tilmenta illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tat-tlettax t'April tas-sena elfejn u tmintax (13.04.2018), tilledi d-drittijiet fondamentali tagħha;*

*Illi kif inhu risaput u kif ġie stabbilit minn ġurisprudenza nostrana, fosthom fil-każ* ***Gambina vs Fithome Limited****, Prim'Awla, 28 ta' Jannar 2005, "Jiġi osservat li r-rikuża hija fil-verita` opposizzjoni kontra l-ġudikant. Din mhix xi ħaġa li tista' titqanqal arbitrarjament minn xi parti għaliex tħossha iktar komda jew protetta quddiem ġudikant iktar minn ieħor; hija proċedura speċjali intiża biex tħares l-interess tal-ġustizzja u hija sollevabbli f'ċirkostanzi preċiżi u partikolari. U l-liġi tal-proċedura tillimita drastikament u tassattivament iċ-ċirkostanzi fejn din tista' titqajjem; altrimenti wieħed jispiċċa fl-arbitrarjeta` u jagħti lok għal ħafna dubbji u*
*# nġerenzi fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. L-ikbar garanzija sabiex il-ġustizzja tidher li qed issir huwa billi l-ġustizzja tiġi amministrata f'parametri ta' regoli fissi u d-diskrezzjoni tkun eżerċitata fil-limiti ta' dawk ir-regoli. Altrimenti din ma tibqa' ġustizzja xejn u ssir arbitrarjeta`."*

*Illi in oltre, kif aċċennat fis-sentenza* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja****, deċiża mill-Qorti tal-Appell "huwa leġittimu wieħed jistaqsi wkoll jekk hemmx raġunijiet oħra li "oġġettivament jiġġustifikaw" id-dubbju [f'moħħ parti jew oħra]. ... omissis... Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa'*

*eċċezzjoni ta' rikuża fil-każijiet biss fejn ikun* legalment *ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull "ħsieb" ta' parzjalita` li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa "oġġettivament ġustifikat". It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita`, anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli." Fi kliem l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick li ġie anke kwotat fis-sentenza* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah****, "The objective test of 'impartiality' is comparable to the English Law doctrine that 'justice must not only be done: it must also be seen to be done'. In this context the [European] Court [of Human Rights] emphasises the importance of 'appearances'. As the Court has stated, '[w]hat is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused'. In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is 'important but not decisive'; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be 'objectively justified'. If there is a legitimate doubt as to a judge's impartiality, he must withdraw from the case."*

*Illi meta wieħed jgħarbel il-fatt tal-każ odjern, is-soċjeta` esponenti tissottometti illi dawn jeżawrixxu dak li l-Qorti stabilixxiet fil-każ* ***Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino,*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Frar 1952, li rriteniet li "In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities;'. The tribunal must not look for more than what is called "a moral certainty"; it should not act on a mere possibility. But a large field lies between these two extremes. The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proves by express evidence and on the intereferences which naturally and 'probably' arise from them.";*

*Illi bir-rispett jiġi sottomess illi anke fid-dawl tas-suespost, id-deċiżjoni tat-tlettax t'April tas-sena elfejn u tmintax (13.04.2018) mogħtija mill-Qorti tal-Appell jikkostitwixxi ksur tad-dritt ghal smiegħ xieraq tas-soċjeta` rikorrenti protett taħt l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem;*

*Għaldaqstant in vista tal-premess, is-soċjeta` esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tagħti pendente lite dawk il-miżuri interim opportuni, inkluż li pendenti dawn il-proċeduri s-soċjeta Malta Industrial Parks Limited tiġi ordnata milli tassenja lil terzi l-fabbrika mertu tal-proċeduri ta' ritrattazjoni;*

*2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-fatti suesposti jagħtu lok għal u jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamenti tas-soċjeta` esponenti, senjatament l-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;*

*3. Tagħti dawk ir-rimedji, direttivi u provvedimenti oħra li jidhrilha xierqa lis-soċjeta` esponenti sabiex tiġi rimedjata l-leżjoni minnha sofferta u dan anke billi fost affarijiet oħra, tħassar u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-tlettax ta' April tas-sena elfejn u tmintax (13.04.2018) u dik tal-ħamsa u għoxrin ta' April tas-sena elfejn u tmintax (25.04.2018) u tordna s-smiegħ mill-ġdid tat-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-tmienja u għoxrin t'April tas-sena elfejn u sbatax (28.04.2017.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti in subizzjoni."*

Rat **ir-Risposta tal-Malta Industrial Parks Ltd tal-4 ta' Ġunju 2018**[1] li permezz tagħha ressqet dawn l-eċċezzjonijiet -

1. *"Illi <u>in linea preliminari</u> l-azzjoni attriċi hija irrita u nulla billi skont il-Memorandum u l-Istatut tas-soċjeta rikorrenti u senjatament skond klawsola 10 tal-Memorandum* ***l-ebda azzjoni ġudizzjarja ma tista' tinbeda mis-soċjeta rikorrenti jekk mhux bis-sensja tal-Bord tad-Diretturi****.*

   *Illi skond klawsola 8 tal-Memorandum, il-Bord tad-Diretturi għandu jkun kostitwit kif ġej:*

   > *The management and administration of the Company's affairs shall be entrusted to a Board of directors consisting of five (5) directors, one of whom shall be the chairman. The Board* ***<u>shall at all times be constituted</u>***[2] *in such a way that two (2) of the directors shall be appointed by the holders of the ordinary A shares, one (1) director shall be appointed by the holders of the ordinary B shares, whereas the other two directors shall be appointed by the holders of the ordinary C shares.*
   >
   > *The Directors mentioned in this memorandum and other Directors who may from time to time be elected all appointed under the preceding paragraph shall be so elected or appointed until that or such time as they resign or are removed from office by the shareholders in the*

[1] Fol 6 et seq
[2] Enfasi tal-esponenti

*General Meeting provided that* ***__the Board shall at all times be constituted as set out in the preceding paragraph__****.*[3]

*Illi minn xhieda li ta Dr Ray Borg fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2018 fil-kawża pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-istess ġurisdizzjoni kostituzzjonali, preseduta mis-S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi fl-ismijiet "Aluminium Extrusions Ltd vs Malta Industrial Parks Ltd et", jidher li l-Bord tas-soċjeta rikorrenti mhux kostitwit billi Silvio Borg li kien jirrapreżenta id-detenturi tal-ishma ordinarji "B" irriżenja fil-waqt li d-diretturi l-oħra Ing. Roberto Balsamo u Dr Andrea Astolfoni li kienu jirrapreżentaw id-detenturi tal-ishma ordinarji "C" mietu u ma ġewx sostitwiti. Kopja legali tat-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab annessa u mmarkata Dok. "A" filwaqt li kopja tal-Memorandum u l-Istatut tal-Kumpannija tinsab anness u mmarkata Dok. "B";*

***Illi jsegwi għalhekk li l-azzjoni ġudizzjarja odjerna ma jistax ikun li ġiet approvata mill-Bord tas-soċjeta rikorrenti stante li mhux kostitwit u kwindi ma setgħetx tiġi preżentata.***

2. *Illi in kwantu qegħdin jintalbu <u>miżuri pendente lite</u> jiġi osservat li* ***dak li qed jintalab imur oltre t-talba li għamlet is-soċjeta rikorrenti*** *quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u fi kwalunkwe każ dan l-aspett tat-talba ma jistax jiġi akkordat u dan peress li:*

    a. *permezz tar-rikors taghha quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, is-soċjeta rikorrenti talbet it-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza fl-*

[3] Enfasi tal-esponenti

*ismijiet "Aluminium Extrusions Limited vs Malta Industrial Parks Limited" mogħtija mill-istess Qorti nhar it-28 ta' April 2017;*

b. *ir-rimedju tas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza pendenti l-eżitu ta' proċeduri ta' ritrattazzjoni huwa regolat bl-Art. 823 tal-Kap. 12 li jipprovdi li l-Qorti tista' takkordah jekk flimkien mat-talba tinġieb garanzija tajba u "jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja";*

c. *Illi fl-umli fehma tal-esponenti, liema fehma ormai hija kondiviża mill-Qorti tal-Appell,* ***tali rimedju intalab inutilment*** *bl-intenzjoni biss li jaħli l-hin tal-Qorti u* ***jiddilunga l-proċeduri*** *u dan għar-raġuni sempliċi li s-sentenza li tagħha intalbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni kull ma għamlet kien li ċaħdet it-talbiet attriċi, ossia t-talbiet tal-istess soċjeta rikorrenti! Konsegwentement ma kien hemm ebda ordni oħra li setgħet tiġi sospiża salv, naturalment, l-ordni dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawza;*

d. *Illi issa, waqt li tilmenta li l-kompożizzjoni tal-Qorti li caħdet dik it-talba illedietilha l-jeddijiet fundamentali tagħha, qed titlob li mhux biss din l-Onorabbli Qorti tagħti l-provvediment li ma ngħatax minn qorti ta' ġurisdizzjoi ordinarja, imma di piu qed titlob li l-esponenti tiġi effettivament inibita milli b'xi mod talloka l-fabbrika li sal-2007 kienet topera minnha s-soċjeta rikorrenti;*

e. *Illi jiġi rilevat li talba (sa ċertu punt) simili kienet saret permezz ta' rikors għall-ħruġ ta'* ***mandat ta' inibizzjoni numru 1844/2007*** *liema*

*talba ġiet miċħuda b'digriet tal-21 ta' Diċembru 2007. Kopja tal-atti tal-mandat tinsab annessa u mmarkata Dok. "C";*

f. *Illi jiġi rilevat ukoll li talba* **identika** *kienet saret permezz ta' rikors għall-ħruġ ta'* ***mandat ta' inibizzjoni numru 200/2008*** *liema talba ġiet miċħuda b'digriet tal-11 ta' Marzu 2008. Kopja tal-atti tal-mandat tinsab annessa u mmarkata Dok. "D";*

*Illi għalhekk, in kwantu qiegħed jintalab li l-esponenti tiġi miżmuma milli talloka l-fabbrika de quo, liema talba għandha* ***bixra ta' inibizzjoni u mhux ta' rimedju straordinarju kostituzzjonali****, dina l-Onorabbli Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali għandha* ***tiddeklina li teżerċita s-setgħat tagħha*** *billi s-soċjeta rikorrenti għandha mezzi ordinarji xierqa disponibbli għaliha u dan a tenur tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;*

*Illi fi kwalunkwe każ, kieku r-rikorrenti kellha xi jedd li riedet tissalvagwardja, ma kienetx tistenna mill-11 ta' Marzu 2008 sal-lum – għaxar snin u tlitt xhur wara – sabiex taġixxi;*

3. *Illi <u>fil-mertu</u>, l-azzjoni ma tistax tirnexxi in kwantu l-Onorevoli Imħallfin sedenti fl-Onorabbli Qorti tal-Appell kienu korretti meta ċaħdu t-talba għar-rikuża, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

   a. *Illi minkejja dak kollu li qiegħed jingħad da parti tas-soċjeta rikorrenti, dawn ma kienux ippronunzjaw rwieħhom dwar it-talba li kellhom quddiemhom;*

   b. *Illi kif korrettement irriteniet l-Onorabbli Qorti tal-Appell, il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu liema ġurisprudenza hija s-sies li fuqu qed nistrieħu f'din il-ġurisdizzjoni meta niġu biex neċċepixxu*

*jew nitolbu rikuża ta' ġudikant (anke għaliex huwa ormai paċifiku li l-Art. 734 tal-Kap. 12 mhuwiex eżawrjenti), stabbilixxiet prinċipji bażillari li għandhom jiġu segwiti. Ewlieni fosthom il-prinċipju tat-test oġġettiv u soġġettiv li applikat għall-każ odjern, dak soġġettiv ma jreġix stante li ma saret ebda allegazzjoni ta' interess fil-konfront ta' xi wieħed mill-Imħallfin sedenti, u dak oġġettiv bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jirnexxi għar-raġunijiet li tat l-istess Qorti tal-Appell;*

c. *Illi di piu huwa paċifiku f'ġurisdizzjonijiet oħra wkoll sottomessi għall-Konvenzjoni Ewropea li* ***ġudikanti li jkunu taw sentenza jkollhom is-setgħa li jagħtu ċerti provvedimenti sussegwenti*** *inkluż saħansitra l-permess tal-appell. Kif irriteniet il-Qorti Ewropea fil-kawza fl-ismijiet "Warsicka v. Poland":*

*As regards the objective test, the Court is of the view that the requirements of a fair hearing as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention do not automatically prevent the same judge from successively performing different functions within the framework of the same civil case. In particular, it is not prima facie incompatible with the requirements of this provision if the same judge is involved, first, in a decision on the merits of a case and, subsequently, in proceedings in which the admissibility of an appeal against that decision is examined (Eur. Comm. HR, R.M.B. v. the United Kingdom, No. 37120/97, dec. 9 September 1998). The assessment of whether the participation of the same judge in different stages of a civil case complies with the requirement of impartiality laid down by Article 6 § 1 is to be made on a case-to-case basis, regard being had to the circumstances of the individual case and, importantly, to the characteristics of the relevant*

*rules of civil procedure applied to the case. In particular, it is necessary to consider whether the link between substantive issues determined in a decision on the merits and the admissibility of an appeal against that decision is so close as to cast doubt on the impartiality of the judge.*

d. *Illi kif irriteniet l-esponenti fit-trattazzjoni tagħha quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell meta ġie sollevat dan il-punt, il-Qorti ma tistax ma tħarisx lejn il-fondatezza tat-talba u l-utli li din jista' jkollha għall-parti involuta – prinċipju kardinali fis-sistema nostrana li* ***l-interess ġuridiku irid ikun dirett****;*

e. *Illi hu ċar li l-uniku "interess ġuridiku" li kellha s-soċjeta rikorrenti meta għamlet talba a tenur tal-Art. 823 tal-Kap. 12 biex l-eżekuzzjoni tas-sentenza tiġi sospiża pendenti l-eżitu tal-kawża ta' ritrattazzjoni kien li s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' April 2017. Dik is-sentenza ma kellha ebda effikaċja għajr ordni għall-ħlas ta' spejjeż kontra l-istess soċjeta rikorrenti stante li:*

   i. *it-talbiet attriċi ġew miċħuda; u*

   ii. *ma kien hemm ebda mandat kawtelatorju dipendenti fuq il-fatt li l-kawża kienet sub judice u li b'deċiżjoni favorevoli għas-soċjeta' esponenti seta' jiġi revokat;*

*Illi jsegwi għalhekk li mhux biss ma kienx hemm leżjoni ta' jeddijiet fondamentali, talli bl-odjerna kawża, is-soċjeta rikorrenti qiegħda titlob affarijiet li jmorru oltre dak li kien hemm in ballo fil-foro ordinarju.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat **ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta' Ġunju 2018**[4] li permezz tagħha ressaq dawn l-eċċezzjonijiet –

*1. Illi preliminarjament, bis-sentenza tal-25 ta' April 2018 li tirrigwarda ċaħda mill-Qorti tal-Appell għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, ma ġew determinati l-ebda drittijiet jew obligazzjonijiet ċivili tar-rikorrenti u għalhekk l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma japplikawx għall-każ in diżamina;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għal dan, l-esponent qed jirrespinġi bil-qawwa kollha l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha mniżżla fir-rikors kostituzzjonali bħala infondati fil-fatt u fid-dritt. Il-fatt li r-rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ġie assenjat lill-Qorti tal-Appell bl-istess kompożizzjoni ta' mħallfin, bl-ebda mod ma jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti senjatament tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Lanqas ma jikkostitwixxi ksur il-fatt li r-rikors għas-sospensjoni ġie eventwalment miċħud;*

*3. Fil-kawża <u>St. George's Park Company Limited vs L-Avukat Ġenerali et</u>, deċiża nhar it-13 ta' Marzu 2014, il-Qorti Kostituzzjonali għallmet li:*

*"B'danakollu, bħala regola, meta wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk, fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (Q. Kost. Perit Joseph Mallia v. Onor. Prim Ministru et., 15/3/1996 (Vol: LXXX.i.142))";*

[4] Fol 160 et seq

*4. Issa fil-każ preżenti ma kien hemm l-ebda infrazzjoni ta' xi regola, anzi, kif intqal tant tajjeb fid-deċiżjoni L-Avukat Dottor Richard Camilleri pro et noe v. Dr. Victor Ragonesi noe, deċiża fl-10 ta' Diċembru, 1991:*

***"…din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Imhallef jew l-Imhallfin li jkunu ppronunzjaw is-sentenza fil-kawza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni – huma dawk li, mill-punti di vista guridiku u prattiku, huma fl-ahjar posizzjoni – biex jiehdu konjizzjoni u jiddeciedu talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza li jkunu ppronunzjaw huma stess, inkwantu, dak li jridu jqisu ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, huma fatturi godda li ma jkunux ippronunzjaw ruhhom fuqhom – u fl-istess hin ikunu konsapevoli tal-fatti kollha li jkunu taw lok ghas-sentenza li s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni taghha tkun qed tintalab;***

***"Ghalhekk l-Imhallfin sedenti ma jsibu ebda raguni biex jilqghu l-eccezzjoni tar-rikuza taghhom".** (Enfasi miżjud)*

*5. Dan il-prinċipju tant ċentrali ġie mtenni fil-każ Maria Dolores sive Doris Debono vs Alfred u Doris konjugi Galea, deċiż mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Frar 2005;*

*6. Illi kif ġie affermat fil-każijiet imsemmija fiż-żewġ paragrafi preċedenti, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni li qed tiġi attakkata f'dawn il-proċeduri datata 13 ta' April 2018, dak li kien ser jiġi kkunsidrat mill-Imħallfin fir-rikors għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza kienu fatti ġodda u differenti minn dawk li ġew trattati quddiemhom. Infatti, hija kwistjoni ġdida bejn il-partijiet iżda naxxenti minn sentenza li issa saret res judicata mogħtija minn Qorti bl-istess komposizzjoni. Ġaladarba l-mertu taż-żewġ proċeduri huwa distint, m'għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-imparzjalita' tal-Imħallfin;*

7. Illi tajjeb li f'dan il-kuntest jiġi nnutat li saħansitra f'ritrattazzjoni, il-liġi stess fl-artikolu 814 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tippreskrivi li t-talba għal ritrattazzjoni għandha ssir quddiem il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata u li jistgħu joqogħdu fiha l-istess imħallfin jew maġistrati. Dan l-artikolu mhux tassattiv iżda jagħti fakultà lill-ġudikanti sabiex fid-diskrezzjoni tagħhom iqisu u jaraw jekk għandhomx jisimgħu r-ritrattazzjoni. Mela jekk f'ritrattazzjoni l-liġi stess tippreskrivi li jistgħu joqogħdu fiha l-istess imħallfin, kemm iktar m'għandux ikun oppost li f'rikors għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta' sentenza intavolat kontestwalment ma' rikors għal ritrattazzjoni, jippresjedu l-istess imħallfin, u dan fid-dawl tal-iskorta ta' sentenzi msemmija fil-provvediment tat-13 ta' April 2018;

8. Illi l-imħallfin użaw id-diskrezzjoni mogħtija lilhom mil-liġi sewwa meta ddeċidew li ma jabdikawx mid-doveri tagħhom u jastjenu ruħhom. Wieħed ma jridx jinsa li l-ġudikanti, li f'dan il-każ jammontaw għal tlieta, huma wkoll persuni mogħnija b'dehen u b'għarfien tal-liġi u l-ġurisprudenza u li huma kapaċi jgħarblu sitwazzjonijiet bħal dawk tal-każ odjern u joħorġu b'deċiżjoni aħħarija li tirrifletti l-ġustizzja għall-partijiet;

9. Illi f'dan il-kuntest, hemm bżonn ta' sorveljanza u prudenza sabiex dawn il-proċeduri kostituzzjonali speċjali flimkien mal-istitut ta' ritrattazzjoni, ma jiġux abbużati b'tali mod li min jirċievi sentenza li ma togħġbux jew sabiex jirbaħ iż-żmien, jittanta jottjeni appell tat-tielet grad quddiem tliet imħallfin differenti jew saħansitra sabiex jitħassru deċiżjonijiet li jkunu ġa ngħataw mill-Qorti tal-Appell fis-sede Superjuri tagħha;

10. Illi fid-dawl ta' dak li ntqal fuq u kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, jidher biċ-ċar li d-deċiżjonijiet mogħtija nhar it-13 ta' April 2018 u

*nhar il-25 ta' April 2018 huma ġusti u ma jwasslux għal nuqqas ta' smigħ xieraq quddiem qorti imparzjali u indipendenti u kwindi l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti ibbażat fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa mingħajr ebda fondament ġuridiku;*

*11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*GĦALDAQSTANT, fid-dawl ta' dan kollu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom u peress li fil-fehma umli tal-esponent l-ilmenti tar-rikorrenti huma ta' natura sempliċement frivola u vessatorja u din il-Qorti hija umilment mistiedna biex tapplika dak li hemm imniżżel fl-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Rat **is-sentenza preliminari tagħha tat-8 ta' Frar 2019**[5] permezz ta' liema ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimata Malta Industrial Parks Ltd dwar l-irritwalita' u n-nullita' tal-azzjoni tas-soċjeta' rikorrenti.

Rat il-provi kollha mressqa mill-partijiet u s-sottomissjonijiet finali magħmula mid-difensuri tagħhom.

Rat l-atti tal-każ Rik Nru 337/17 fl-ismijiet *Aluminium Extrusions Ltd vs Malta Industrial Parks Ltd* deċiżi fil-25 t'April 2018 li ġew allegati mal-atti tal-proċeduri odjerni.

---

[5] Fol 203 et seq

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Wara li s-soċjeta' rikorrenti ġiet żgumbrata minn fabbrika ġewwa Ħal Far fuq azzjoni meħuda mis-soċjeta' intimata, hija kienet intavolat proċeduri ġewwa l-Qrati sabiex tattakka l-aġir tal-istess soċjeta' ntimata u titlob ir-ripristinar fil-pussess tal-fabbrika msemmija. In segwitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell f'dawk il-proċeduri li ntemmu biċ-ċaħda tat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti, hija ntavolat rikors għal ritrattazzjoni u rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Peress li r-rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni msemmi ġie quddiem l-istess imħallfin li ddeċidew l-appell, is-soċjeta' rikorrenti talbet ir-rikuża tagħhom għax fil-fehma tagħha dawn ma setgħux ikunu mparzjali biex jiddeċiedu tali talba. Fit-13 t'April 2018 dik il-Qorti ċaħdet it-talba tas-soċjeta' rikorrenti għar-rikuża u b'sentenza tal-25 t'April 2018 ċaħdet ukoll it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza. Is-soċjeta' rikorrenti pproċediet bil-kawża odjerna fejn qed tallega li dawn iż-żewġ deċiżjonijiet huma leżivi tad-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni").

Minn naħa tagħhom l-intimati, apparti eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, irrespinġew dawn il-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u ċaħdu li kien hemm xi ksur ta' drittijiet fundamentali.

Mill-atti jirriżulta li -

1. **Fit-28 ta' Jannar 2008** is-soċjeta' Aluminium Extrusions Ltd intavolat proċeduri fil-Qorti Rik Nru 77/08 fl-ismijiet **Aluminium Extrusions Ltd vs Malta Industrial Parks Ltd** permezz ta' liema, għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors promotur, talbet lill-Qorti sabiex tordna lis-socjeta' intimata twettaq dawk l-atti kollha meħtieġa u neċessarji sabiex is-soċjeta' rikorrenti tiġi ripistinata fil-pussess tal-fabbrika HF12 ġewwa l-Industrial Estate ta' Hal Far. Dan wara li xi żmien qabel l-istess soċjeta' rikorrenti kienet ġiet żgumbrata mill-fond imsemmi mis-soċjeta' ntimata li kienet tamministra l-fond. Oriġinarjament din il-fabbrika kienet ġiet konċessa lis-soċjeta' rikorrenti taħt it-titolu ta' kera mill-Kummissarju tal-Artijiet;

2. Permezz ta' **sentenza datata 13 t'April 2016** il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta ntimata, laqgħet it-talbiet kollha tas-soċjeta rikorrenti, u ordnat lis-soċjeta' intimata sabiex fi żmien xahrejn mid-data tas-sentenza twettaq dawk l-atti neċessarji ħalli s-soċjeta' rikorrenti tiġi riprestinata fil-pussess tal-Fabbrika HF12 Hal Far;

3. Is-soċjeta' ntimata appellat minn dik is-sentenza u **fit-28 t'April 2017** il-Qorti tal-Appell laqgħet l-aggravji tas-soċjeta' ntimata u rrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn kienet laqgħet it-talbiet attriċi u minflok għaddiet biex tiċħad l-istess talbiet.

4. **Fis-26 ta' Lulju 2017** is-soċjeta' rikorrenti ntavolat proċeduri ta' ritrattazzjoni mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell a bażi tal-artikolu 811 (e) u (l) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. **Fis-27 ta' Lulju 2017** is-soċjeta' rikorrenti ntavolat rikors permezz ta' liema talbet lill-Qorti tal-Appell biex pendenti l-proċeduri ta' ritrattazzjoni tissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-28 t'April 2017. Is-soċjeta' argumentat li jekk ma tiġix akkolta tali talba hija kienet ser issofri preġudizzju serju in kwantu kien ser jinġieb fix-xejn ir-rimedju li qed tfittex bir-ritrattazzjoni u jagħmel kważi mpossibbli l-eżekuzzjoni ta' sentenza eventwali favorevoli fil-konfront tagħha;

6. Waqt is-seduta **tas-6 ta' Marzu 2018** id-difensur tas-soċjeta' rikorrenti talab ir-rikuża tal-imħallfin li kienu jikkomponu l-Qorti għall-finijiet tar-rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li tagħha qed tintalab it-trattazzjoni u dan peress li kienet l-istess Qorti kif komposta li tat id-deċiżjoni li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni;

7. **Fit-13 t'April 2018** il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba għar-rikuża u dan wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

*Din il-Qorti bir-rikors tas-27 ta' Lulju, 2017, mhix qegħda tiġi mitluba biex tirrieżamina l-operat tagħha fir-rigward tal-vertenza bejn il-partijiet deċiża fit-28 ta' April, 2017. Dak li qiegħed jintalab issa huwa jekk hux il-każ li tiġi ordnata s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li tagħha qegħda tintalab ir-ritrattazzjoni. Skont l-Artikolu 823(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, meta tintalab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li tagħha tkun qed tintalab ir-*

*ritrattazzjoni, il-Qorti għandha tħares lejn żewġ affarijiet: (a) jekk min qiegħed jagħmel it-talba jagħtix garanzija tajba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza jekk ma tiġix imħassra u (b) jekk l-eżekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti li titlob is-sospensjoni milli t-twaqqif ta' eżekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja. Ma jirriżultax li xi wieħed minn dawn l-aspetti msemmija kien ġa` ġie quddiem xi ħadd mill-Imħallfin sedenti.*

*Dak li għandu jittieħed in konsiderazzjoni mill-Imħallfin fil-proċedura għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni huma fatti ġodda, li huma totalment differenti minn dak li kien gie trattat quddiemhom, fil-kawża deċiża minnhom preċedentement, bis-sentenza li tagħha issa qegħda tintalab is-sospensjoni.*

*Dan qiegħed jingħad ukoll fuq l-iskorta tas-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta li ngħataw, fosthom fil-kawża fl-ismijiet* ***L-Avukat Dottor Richard Camilleri pro et noe v. Dr. Victor Ragonesi noe****, deċiża fl-10 ta' Diċembru, 1991, fejn ingħad:*

*"...din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Imħallef jew l-Imħallfin li jkunu ppronunzjaw is-sentenza fil-kawża li tagħha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni – huma dawk li, mill-punto di vista ġuridiku u prattiku, huma fl-aħjar posizzjoni – biex jieħdu konjizzjoni u jiddeċiedu talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li jkunu ppronunzjaw huma stess, inkwantu, dak li jridu jqisu għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza, huma fatturi ġodda li ma jkunux ippronunzjaw ruħhom fuqhom – u fl-istess ħin ikunu konsapevoli tal-fatti kollha li jkunu taw lok għas-sentenza li s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħha tkun qed tintalab;*

*"Għalhekk l-Imħallfin sedenti ma jsibu ebda raġuni biex jilqgħu l-eċċezzjoni tar-rikuża tagħhom".*

*Hekk ukoll f'sentenza aktar riċenti ta' din il-Qorti diversament komposta, fl-ismijiet* **Maria Dolores sive Doris Debono v. Alfred u Doris konjuġi Galea**, *deċiża fil-15 ta' Frar, 2005, ingħad:*

*"Provvedimenti dwar l-eżekuzzjoni (jew is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni) ta' sentenza jistgħu dejjem jingħataw mill-istess ġudikant li jkun ippronunzja dik is-sentenza. Għalhekk it-talba għar-rikuża tal-Imħallfin komponenti din il-Qorti ser tiġi miċħuda;".*

*Is-soċjeta' rikorrenti Aluminium Extrusions Limited esibiet żewġ sentenzi li fuqhom issejjes l-argumenti tagħha sabiex titlob ir-rikuża tal-Imħallfin sedenti. Waħda hija dik tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* **Lawrence Grech et v. L-Avukat Ġenerali et** *deċiża fis-7 ta' Marzu, 2017, fejn kienet qegħda tiġi investita r-rikuża ta' Imħallef fil-kuntest ta' ilment dwar il-jedd ta' smigħ xieraq ngħad li għalkemm dak li tħoss jew taħseb parti f'kawża dwar il-parzjalita' jew imparzjalita' tal-ġudikant huwa rilevanti, ma huwiex il-kriterju determinanti, peress li hu determinanti hu jekk dik il-perċezzjoni hix imsejsa fuq konsiderazzjonijiet oġġettivi li persuna raġjonevoli tasal li hija wkoll ikollha dubji dwar l-imparzjalita' tal-ġudikant. Kien ritenut li l-apparenzi wkoll jistgħu jkunu konsiderazzjonijiet oġġettivi li joħolqu dubji, anke jekk ma jkunx hemm rabtiet ġerarkiċi bejn il-ġudikant u parti fil-kawża, peress li tiddgħajjef il-fiduċja fl-imparzjalita' ta' dak il-ġudikant. F'dak il-każ ma kienitx ritenuta rraġonevoli l-perċezzjoni li seta' kien hemm rabta bejn l-assoċjazzjoni li l-Imhallef huwa president tagħha u l-Arċidjoċesi, bħala parti fil-kawża. Kwindi ngħad li d-dubju ma kienx wieħed li ma jitqiesx oġġettivament ġustifikat, ukoll jekk dak id-dubju ma jolqotx l-imparzjalita' soġġettiva tal-Imħallef.*

*Hekk ukoll fis-sentenza l-oħra ċitata li hija dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deċiża fid-9 ta' Jannar, 2018, fl-ismijiet* **Nicholas v. Cyprus**, *fejn fuq l-eżami oġġettiv ingħad:*

*"60. To the extent that the applicanta' s fear of impartiality on the part of Judge A.K. stemmed from the "in-law" relationship between that judge and P.G.P., the Court notes that they have a family tie through the marriage of their children. The Court considers that this tie in itself sufficed to objectively justify the applicant's fears as to Judge A.K.'s impartiality. It is noted in this respect that under domestic law a judge has the possibility to withdraw from a case for personal reasons, even without having been challenged (see paragraphs 17 and 27 above).*

*"61. It is worth noting that the code of judicial practice was subsequently amended to stipulate that such a relationship constituted grounds for the withdrawal of a judge from a case (see paragraph 16 above).*

*"62. As regards the second ground invoked by the applicant (see paragraph 57 above), the Court finds that when a judge has blood ties with an employee of a law firm representing a party in any given proceedings, this does not in and of itself disqualify the judge (see Ramljak v. Croatia, no. 5856/13, § 29, 27 June 2017). An automatic disqualification on the basis of such ties, as was provided in the judicial code prior to the applicanta' s case, is not necessarily required (see paragraph 15 above). It is, however, a situation or affiliation that could give rise to misgivings as to the judge's impartiality. Whether such misgivings are objectively justified would very much depend on the circumstances of the specific case, and a number of factors should be taken into account in this regard. These should include, inter alia, whether the judge's relative has been involved in the case in question, the position of the judge's relative in the firm, the size of the firm, its internal organisational structure, the financial importance of the case for the law firm, and any possible financial interest or potential benefit (and the extent thereof) on the part of the relative".*

*Madankollu meta din il-Qorti tapplika dawn il-kriterji għall-każ in eżami, ma ssibx li l-Imħallfin sedenti jista' jingħad li huma b'xi mod jistgħu jitqiesu parzjali – la oġġettivament u wisq anqas soġġettivament. Dan l-element tal-imparzjalitá ġie eżaminat diversi drabi fir-rigward ta' x'inhu u x'għandu jkun smigħ xieraq, partikolarment fil-kuntest tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Hekk per eżempju, l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick, fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights (Tieni Edizzjoni, p. 290) jispjegaw:*

*"'Impartiality' means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and objective test:*

*"The existence of impartiality for the purpose of article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect".*

*Fit-test soġġettiv tal-imparzjalita' tal-ġudikant, għandu jiġi determinat jekk l-Imħallfin għandhomx xi nteress personali fil-kawża jew jekk esprimewx xi opinjoni jew aħjar konvinzjoni personali dwar il-każ, li ċertament mhuwiex il-każ fil-kawża in eżami. Ma tressqet ebda prova kuntrarja f'dan is-sens. Fin-nuqqas ta' prova, l-preżunzjoni f'tali każ hija li l-Imħallfin huma imparzjali u mhux bil-kontra. Dan il-prinċipju ilu affermat kemm mill-Qrati tagħna (ara per eżempju s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-5 ta' Ottubru, 2001, fl-ismijiet* **Onorevoli Imħallef Dottor Anton Depasquale LL.D. v. l-Avukat Ġenerali**, *kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-23 ta' Ġunju, 1981, fl-ismijiet* **Le Compte, Van Leuven and De Meyere v. Belgium**).

*Fil-każ tat-test oġġettiv, apparti li wieħed irid jeżamina l-aġir tal-ġudikanti, hemm fatturi oħra li jistgħu jagħtu lok għal dubju dwar l-imparzjalita' tagħhom, fejn kif ingħad fil-kawża ċitata ta'* **Grech v. Avukat Ġenerali**, *l-apparenzi wkoll*

*jistgħu jkunu mportanti. Iżda f'dan il-każ mhux talli m'hemmx rabtiet ġerarkiċi bejn il-ġudikanti u xi parti fil-kawża, talli lanqas jista' jingħad li hemm xi perċezzjoni ta' rabta bejn il-ġudikanti u xi parti fil-kawża. Meta ġiet eżaminata l-biża' tas-soċjeta' rikorrenti f'dan l-każ, dwar il-possibbilitá ta' nuqqas ta' imparzjalitá tal-ġudikanti, din ma tfallix lanqas it-test oġġettiv, peress lanqas jista' jingħad li din il-biża hija oġġettivament ġustifikata. Dan jingħad b'aktar enfasi meta ġiet eżaminata s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tas-16 ta' Jannar, 2007, ċitata mis-soċjeta' ntimata, fil-kawża fl-ismijiet* ***Warsicka v. Poland*** *fejn ingħad:*

*"40. As regards the objective test, the Court is of the view that the requirements of a fair hearing as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention do not automatically prevent the same judge from successively performing different functions within the framework of the same civil case. In particular, it is not prima facie incompatible with the requirements of this provision if the same judge is involved, first, in a decision on the merits of a case and, subsequently, in proceedings in which the admissibility of an appeal against that decision is examined (Eur. Comm. HR, R.M.B. v. the United Kingdom, No. 37120/97, dec. 9 September 1998). The assessment of whether the participation of the same judge in different stages of a civil case complies with the requirement of impartiality laid down by Article 6 § 1 is to be made on a case-to-case basis, regard being had to the circumstances of the individual case and, importantly, to the characteristics of the relevant rules of civil procedure applied to the case. In particular, it is necessary to consider whether the link between substantive issues determined in a decision on the merits and the admissibility of an appeal against that decision is so close as to cast doubt on the impartiality of the judge".*

*Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, kif ingħad qabel, dak li jrid jittieħed in konsiderazzjoni fil-proċedura għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li hemm issa pendenti quddiem din il-Qorti huma kwistjonijiet ta' fatti*

*ġodda, li huma totalment differenti minn dak li kien ġie trattat u deċiż preċedentement fis-sentenza li ngħatat fit-28 ta' April, 2017, li tagħha issa qegħda tintalab is-sospensjoni. Kwindi ma tistax tara kif jista' jinħoloq dubju dwar l-imparzjalita' tal-Imħallfin sedenti ta' din il-Qorti, ladarba l-mertu taż-żewġ proċeduri huma distinti.*

*Dan il-punt ġie ribadit ukoll fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-22 ta' Novembru, 2011, fil-kawża fl-ismijiet* **Central Mediterranean Development Corporation Limited v. Malta***, fejn f'dak il-kaz is-soċjeta' rikorrenti wkoll kienet qegħda tilmenta dwar in-nuqqas ta' parzjalita' tal-Qorti tal-Appell, li meta ċaħdet l-appell tagħha mid-digriet ai termini tal-Artikolu 229 tal-Kap. 12, il-Qorti kienet komposta mill-istess Imħallfin li semgħu u ddeċidew it-talba għall-provvediment proviżorju li minnu kien qiegħed jintalab appell. Ingħad fir-rigward:*

*"31. In the instant case, the concerns regarding the Court of Appeal's impartiality stemmed from the fact that its bench on 14 December 2005 was composed of the same three judges who had previously decided the applicant company's request for a stay of execution "at first-instance".*

*"32. As regards the subjective test, it has not been shown or argued that the Court of Appeal held or manifested any personal convictions such as to cast doubt on its subjective impartiality.*

*"33. As regards the objective test, the Court reiterates that it is not prima facie incompatible with the requirements of this provision if the same judge is involved, first, in a decision on the merits of a case and, subsequently, in proceedings in which the admissibility of an appeal against that decision is examined (see Warsicka v. Poland, no. 2065/03, § 40, 16 January 2007 and Eur. Comm. HR, R.M.B. v. the United Kingdom, No. 37120/97, dec. 9 September 1998). The assessment of whether the participation of the same judge in different stages of a*

*civil case complies with the requirement of impartiality laid down by Article 6 § 1 is to be made on a case-to-case basis, regard being had to the circumstances of the individual case and, importantly, to the characteristics of the relevant rules of civil procedure applied to the case. In particular, it is necessary to consider whether the link between substantive issues determined in a decision on the merits and the admissibility of an appeal against that decision is so close as to cast doubt on the impartiality of the judge (see Warsicka, cited above, § 40).*

*"34. It is true that in the present case the applicant company did not have the possibility of a further recourse in the terms of the Warsicka case. Unlike in Warsicka, where the applicant had recourse to the Supreme Court having a full remit to decide on the applicanta' s claims, in the instant case, the proceedings the applicant company brought before the constitutional jurisdictions could only deal with the impartiality issue and not with the admissibility or merits of the applicant company's request. Nevertheless, the absence of such a review cannot alone be determinative. The Constitutional Court found that the applicant company's impartiality complaint was unfounded. Having regard to the nature of the issues involved, namely that the Court of Appeal concluded that Article 229 invoked by the applicant company did not apply in those circumstances, as no appeal lay against the final judgment delivered by the Court of Appeal on 3 November 2005, it considered that the fact that the same formation gave a judgment on the merits of a case and subsequently decided that the applicanta' s request in the form of an appeal application was null and void, could not be in violation of Article 6 (see paragraph 13 above).*

*"35. As in* **Indra v. Slovakia**, *(no. 46845/99, §§ 51-54, 1 February 2005) the Court considers it appropriate to examine whether there was a close link between the issues examined by the Court of Appeal on the two occasions at issue. In the present case, the question determined by the Court of Appeal on 14 December 2005 was not the same as the question which the Court of Appeal had determined*

*on 3 November 2005. In the November hearing the court was examining the substance of the applicant company's request for a stay of execution. In the December decision, the court had to determine whether the applicant company's request for reconsideration under Article 229 (4) of the COCP was compatible with domestic law and procedure, and could be allowed. Only if that had been the case could the court have carried out an examination of the merits, a phase which never materialised in the circumstances of the case. Thus, in the Court' s view, the scope of the examination involved, which can be considered tantamount to an assessment of admissibility, cannot be said to be the same or intrinsically linked to the merits of the original claim.*

*"36. Hence, the Court considers that, in the instant case, the Court of Appeal when deciding on the applicant company's request for reconsideration under Article 229 was not called upon to assess and determine whether, for example, sitting as a bench, it had correctly applied the relevant domestic law to the applicanta' s case or whether or not it had committed an error of legal interpretation or application in its previous decision (see San Leonard Band Club, cited above). There was no such link between the substantive issues determined on 3 November 2005 regarding the merits of a request for a stay of execution and the decision of 14 December 2005 on whether the applicant company had a legal avenue of access to an appeal or reconsideration of the previous decision, which would cast doubt on the impartiality of that court.*

*"37. Having regard to the circumstances of the case taken as a whole, the Court is of the view that it cannot be said that the applicant company's fears as to the impartiality of the Court of Appeal when examining its request of 9 November 2005 were objectively justified". (sottolinear ta' din l-Qorti)."*

*Hekk ukoll f'dan il-każ, din il-Qorti permezz tar-rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mhux qiegħda tintalab tagħmel apprezzament ġdid tal-*

*provi li wassluha għas-sentenza tagħha jew li tara jekk ingħatatx interpretazzjoni legali korretta għall-mertu deċiż, iżda ser tiddeċiedi fuq aspetti totalment differenti. M'hemmx dik ir-rabta bejn is-sustanza taż-żewġ proċeduri li tista' tixħet dubju fuq il-parzjalita' tal-Imħallfin sedenti. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, ma jirriżultax li jista' jingħad li s-sentenza tagħha tat-28 ta' April, 2017, irrendiet din il-Qorti kif komposta parzjali soġġettivement jew oġġettivament b'tali mod li ma tistgħax tkompli bis-smigħ tar-rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza. Isegwi li mhux ritenut opportun li l-ilment tas-soċjeta' rikorrenti għar-rikuża tal-Imħallfin sedenti jintlaqa'.*

*Għaldaqstant it-talba għar-rikuża hija miċħuda stante li mhix ġustifikata u tordna li jitkompla minnufih is-smigħ tar-rikors dwar is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza."*

8. Wara ċ-ċaħda għat-talba tar-rikuża l-partijiet trattaw ir-rikors tas-soċjeta' rikorrenti għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-prim istanza tas-sentenza tat-28 t'April 2017 u **fil-25 t'April 2018** il-Qorti ċaħdet it-talba għal tali sospensjoni. Dan wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet -

*"Din il-Qorti tifhem li kieku s-sentenza li qed tintalab ritrattazzjoni taghha tkun ordnat zgumbrament, min ikun se jigi żgumbrat permezz tas-sentenza in kwistjoni jkun se jsofri neċessarjament aktar preġudizzju bl-esegwibilita` mill-persuna li tkun qed titlob l-isgumbrament vide* **Rizzo v. Bezzina***, Appell 10 ta' Jannar 1995. Dan għaliex "jekk ma tintlaqax it-talba għas-sospensjoni l-esekuzzjoni ta' issa tas-sentenza ġia` ottenuta timplika żewġ żgumbramenti, f'każ ta' eżitu favorevoli tar-ritrattazzjoni. Din il-possibilita` għandha tigi evitata. Dan dejjem sakemm il-preġudizzju tal-intimata bin-nuqqas ta' teħid immedjat ta' ħwejjiġha ma jkunx tant gravi li anke diffikulta` simili trid tiġi skartata".* **George Pavia v. Joseph Micallef***, Appell Ċivili, 4 ta' Mejju 1992. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili*

*fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* **Chapman v. Mizzi** *12 ta' Mejju 1950 f'każi bħal dawn, il-leġislatur ta' ċerta diskrezzjoni lill-Qorti biex tiddeċiedi f'dawn it-tip ta' talbiet.*

*F'dan il-każ pero` kull ma se jkun qed jiġri f'każ ta' esekuzzjoni immedjata huwa li l-attriċi tħallas minn issa l-ispejjeż tal-kawża msemmija. Din il-Qorti għalhekk ma tara li se jkun hemm ebda preġudizzju lis-soċjeta` rikorrenti għaliex f'każ ta' eżitu pożittiv għaliha fit-talba għas-smiegħ mill-ġdid, tkun tista' tirkupra dawn l-ispejjeż lura. Inoltre fi kwalunkwe każ peress illi t-talbiet attriċi ġew miċħuda fis-sentenza li tagħha qed tintalab ritrattazzjoni ma hemm xejn x'jiġi sospiż.*

*Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tiċħdu bl-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrenti."*

9. **Fit-3 ta' Lulju 2018** it-tlett Imħallfin tal-Qorti tal-Appell kif komposta sa dak l-istadju astjenew milli jieħdu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ta' ritrattazzjoni peress li kienu huma li ddeċidew l-appell li minnu kienet qed tintalab ritrattazzjoni;

10. **Fis-6 ta' Ġunju 2019** il-Qorti tal-Appell, diversament komposta, ċaħdet it-talba tas-soċjeta' rikorrenti għar-ritrattazzjoni tal-appell.

**<u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>**

Qabel tipproċedi bl-eżami tal-ilment tas-soċjeta' rikorrenti fil-mertu hemm xi eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati li jeħtieġ l-ewwel jiġu trattati.

**1. It-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' ntimata Malta Industrial Parks Ltd** tissolleva l-eċċezzjoni tad-disponibilita' tar-rimedju ordinarju għar-raġunijiet hemm imsemmija u għaldaqstant l-istess soċjeta' tistieden lil din il-Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita l-funzjonijiet kostituzzjonali tagħha a tenur tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

**L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li:

*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

L-istess prinċipju japplika a tenur tal-artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 t'April 2013[6] u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 -

*"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet*

[6] Rik Nru 68/11

*"**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

……

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***"Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et"*** *(deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***"Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et"*** *deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-*

*Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[7] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

"*Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli.*"[8]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-*Artikolu 46 *irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-*persuna *skond xi liġi oħra.'"*[9]

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[10]

---

[7] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005

[8] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994

[9] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995.

[10] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002

*"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[11]

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern is-soċjeta' rikorrenti kellhiex a dispożizzjoni tagħha rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnha kif ukoll jekk tali rimedjui ndikati mill-intimati kinux jakkordaw rimedju sħiħ għall-lanjanzi kollha tar-rikorrenti.

Madankollu tispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li - fil-parametri tal-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni – tagħżel HI jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[12]:

"*….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

[11] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000
[12] Rik 40/10

Il-Qorti tissottolinea li essenzjalment il-lanjanza tas-soċjeta' rikorrenti hija allegata nuqqas ta' mparzjalita' da parti tal-ġudikanti li ċaħdu t-talbiet tagħha għar-rikuża u għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Din hija materja li tispetta l-iskrutinju tal-Qorti fil-vesti kostituzzjonali tagħha fid-dawl tad-dritt ta' smiegħ xieraq li kull parti f'kawża għandha dritt għalih skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

**Għalhekk din l-eċċezzjoni preliminari sejra tiġi miċħuda.**

2. **L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali** tissolleva l-argument li bis-sentenza tal-25 ta' April 2018 li tirrigwarda ċaħda mill-Qorti tal-Appell għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, ma ġew determinati l-ebda drittijiet jew obligazzjonijiet ċivili tar-rikorrenti u għalhekk l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma japplikawx għall-każ in diżamina.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament. Kif diġa ngħad, il-kawża odjerna hija ppernjata fuq ilment li jirrigwarda nuqqas ta' mparzjalita' tal-ġudikanti li ddeċidew il-provvedimenti mpunjati. L-imparzjalita' tal-Qorti tifforma parti ntegrali mill-prinċipju ta' smiegħ xieraq, dritt li huwa garantit lill-partijiet permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Għalhekk il-lanjanza taqa' fil-parametri tat-tħaddim ta' dawn iż-żewġ artikoli msemmija.

**L-eċċezzjoni sejra għaldaqstant tiġi miċħuda.**

**Mertu**

Fir-rigward tar-rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 t'April 2017, it-teżi tas-soċjeta' rikorrenti hija li l-għan wara t-talba għar-rikuża tat-tlett Imħallfin li quddiemhom ġie r-rikors imsemmi kienet li huma kienu l-istess Imħallfin kienu ddeċidew is-sentenza li tagħha s-socjeta` esponenti kienet qed titlob ritrattazzjoni u sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza. Dan peress li fil-fehma tagħha bit-talba tagħha għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza, l-istess soċjeta` kienet qed titlob li l-Qorti b'mod oġġettiv terġa' tara l-atti u tissospendi l-effetti tas-sentenza mogħtija minnha stess biex is-soċjeta` rikorrenti ma ssofrix preġudizzji, b'dana li skontha dawn l-Imħallfin kienu pratikament qed jintalbu *'jirrevedu'* xogħolhom sabiex jiddeċiedu jekk jilqgħux jew le t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-istess sentenza.

Is-soċjeta' rikorrenti ssostni li l-Qorti tal-Appell ma kinitx imparzjali meta ċaħdet it-talba għar-rikuża u pproċediet biex tiddeċiedi dwar it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza msemmija, li fil-fatt ġiet ukoll miċħuda: dana allura skontha  bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**L-ewwel talba tas-soċjeta' rikorrenti** hija sabiex il-Qorti tagħti pendente lite dawk il-miżuri interim opportuni, inkluż li pendenti dawn il-proċeduri s-soċjeta Malta Industrial Parks Limited tiġi ordnata, għalhekk miżmuma,  milli tassenja lil terzi l-fabbrika mertu tal-proċeduri ta' ritrattazjoni.

In vista tal-fatt li kif ingħad fis-suespost fil-frattemp il-proċeduri ta' ritrattazzjoni ġew deċiżi definittivament bis-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019 – permezz ta' liema l-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tas-soċjeta' rikorrenti għar-ritrattazzjoni tal-appell – din it-ralba hija ormai eżawrita u għalhekk il-Qorti mhijiex ser tieħu konjizzjoni tagħha.

**It-tieni u t-tielet talba tas-soċjeta' rikorrenti** jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-fatti elenkati fir-rikors promotur jagħtu lok għal u jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tas-soċjeta` esponenti, senjatament l-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem. Hija talbet ukoll lill-Qorti sabiex tagħti dawk ir-rimedji, direttivi u provvedimenti oħra li jidhrilha xierqa lis-soċjeta` esponenti sabiex tiġi rimedjata l-leżjoni minnha sofferta u dan anke billi fost affarijiet oħra, tħassar u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-tlettax ta' April tas-sena elfejn u tmintax (13.04.2018) u dik tal-ħamsa u għoxrin ta' April tas-sena elfejn u tmintax (25.04.2018) u tordna s-smiegħ mill-ġdid tat-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-tmienja u għoxrin t'April tas-sena elfejn u sbatax (28.04.2017).

**L-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li –

*"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

**L-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi li -

*"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-*

*minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja".*

In kwantu għall-prinċipji legali u ġurisprudenzjali rigwardanti l-imparzjalita' tal-gudikanti, huwa paċifiku li din tinkludi kemm l-imparzjalita' oġġettiva kif ukoll dik suġġettiva.

Fil-ktieb *Human Rights in the Administration of Justice: A Manual on Human Rights for Judges, Prosecutors and Lawyers*[13] jingħad hekk:

*As to the requirement of impartiality in article 6(1) of the European Convention on Human Rights, the European Court of Human Rights has consistently ruled that it has two requirements, namely, one subjective and one objective requirement. In the first place, "the tribunal must be subjectively impartial", in that "no member of the tribunal should hold any personal prejudice or bias", and this personal "impartiality is presumed unless there is evidence to the contrary".*[14] *Secondly, "the tribunal must also be impartial from an objective viewpoint", in that "it must offer guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect". With regard to the objective test, the Court added that it must be determined whether there are ascertainable facts, which may raise doubts as to the impartiality of the judges, and that, in this respect, "even appearances may be of a certain importance", because "what is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all in the parties to the proceedings".*

[13] Kapitlu 4 paġna 137 (Pubblikazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti)
[14] Daktaras v. Lithuania deciz 10 t'Ottubru 2000 (ECHR)

Fil-każ odjern ma jirriżulta li hemm ebda allegazzjoni diretta dwar parzjalita' suġġettiva fis-sens ta' xi preġudizzju personali tal-Imħallfin sedenti fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Appell in eżami, u lanqas inġiebet xi prova f'dan is-sens.

Isegwi li l-ilment tas-soċjeta' rikorrenti huwa abbinat mal-imparzjalita' oġġettiva tal-ġudikanti in kwistjoni.

Dwar l-imparzjalita' oġġettiva tal-Qorti, l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick[15] jgħidu hekk -

*"In applying the objective test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is 'important but not decisive'; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be 'objectively justified'*[16].

Fil-każ **Joseph Borg et vs Avukat Ġenerali deċiż fit-30 ta' Mejju 2019** tressqet lanjanza kostituzzjonali marbuta mar-rekwiżit ta' mparzjalita' ta' ġudikant fil-kuntest ta' ċaħda għal talba ta' rikuża tal-President tal-Qorti Dr Silvio Camilleri mill-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Appell li ġiet imsejħa biex tiddeċiedi dwar appell marbut ma stħarriġ ta' Avviż Legali li kien allegatament approvat minnu meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Ġenerali. F'dan il-każ din il-Qorti diversament preseduta għamlet analiżi estensiva tal-prinċipji legali u tal-ġurisprudenza in materja -

***"iii) L-Art 733 tal-Kap 12*** *igħid :-*

[15] Law of the European Convention on Human Rights, it-tieni edizzjoni
[16] Pagna 291

*L-imħallfin ma jistgħux jiġu rrikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqogħdu f`kawża miġjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma maħtura biex joqogħdu, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet hawn wara msemmijin.*

***iv) L-Art 734 tal-Kap 12***

*Id-disposizzjoni taqra:-*

*(1) L-imħallef jista` jiġi rrikużat jew jista` jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –*

*(a) jekk ikun qarib mid-demm jew bi żwieġ, f`linja dritta, ma` waħda mill-partijiet;*

*(b) jekk ikun qarib mid-demm fil-grad ta` hu, ziju jew neputi, pro-ziju jew pro-neputi jew kuġin, ta` waħda mill-partijiet, jew qarib bi żwieġ fi grad ta` ħu, ziju jew neputi, ta` waħda mill-partijiet;*

*(c) jekk ikun tutur, kuratur, jew werriet preżuntiv ta` waħda mill-partijiet; jew ikun jew kien prokuratur ta` waħda mill-partijiet fil-kawża; jekk ikun l-amministratur ta` stabbiliment jew soċjetà fil-kawża, jew jekk waħda mill-partijiet tkun il-werrieta preżuntiva tiegħu;*

*(d)(i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x`taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha,*

*(ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:*

*Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia,*

*(iii) jekk ikun ħareġ flus għall-kawża,*

*(iv) jekk ikun xehed, jew jekk waħda mill-partijiet tkun bi ħsiebha ssejjaħlu bħala xhud;*

*(e) jekk hu, jew il-mara tiegħu, jew ir-raġel tagħha, ikollhom interess dirett jew indirett dwar kif tinqata` l-kawża;*

*(f) jekk l-avukat jew prokuratur legali li jkun qed jidher quddiem imħallef ikun ibnu jew bintu stess, ir-ragel tagħha jew il-mara tiegħu jew axxendent tiegħu;*

*(g) jekk l-avukat jew prokuratur legali li jkun qed jidher quddiem imħallef ikun ħu jew oht l-istess ġudikant;*

*(h) jekk l-imħallef jew ir-raġel tagħha jew il-mara tiegħu jkollhom kawża pendenti kontra xi waħda mill-partijiet fil-kawża jew ikun kreditur jew debitur ta` xi parti fil-kawża b`mod li jista` raġonevolment jagħti lok ta` suspett ta` interess dirett jew indirett li jista` jinfluwenza l-eżitu tal-kawża.*

*(2) L-imħallef jista` jiġi rikużat jew jista` jastjeni ruħu milli joqgħod f`kawża meta l-kawża tkun ġa ġiet quddiemu u hu jkun tkellem fuq l-istess merti ta` dik il-kawża meta kien qed joqgħod bħala mħallef fil-Qorti ta` ġurisdizzjoni volontarja.*

***b) Dottrina / Ġurisprudenza***

*Fis-sentenza ta` din il-Qorti kif presjeduta tas-6 ta` Ottubru 2011 (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet* **Cecil Pace vs Onorevoli Prim Ministru et** *ngħad illi :-*

*"Ir-rikuża mhix ħaġa ta` konvenjenza iżda ta` Ġustizzja u għalhekk sabiex wieħed jirrikorri għaliha, ir-raġuni trid tkun fondata; altrimenti tagħti lok għall-abbuż."*

*Issir referenza għal dak li kiteb il-**Professur Hoong Phun** (li kien id-Dekan tal-Fakolta` tal-Liġi fl-Universita ta` Auckland – New Zealand kif ukoll Imħallef fil-*

*Qorti tal-Appell ta` l-istess pajjiż) fil-ktieb "**Judicial Recusal : Principles, Process and Problems by Grant Hammond**" [Oxford : Hart Publishing 2009] :*

*"The law relating to judicial recusal may appear to many to be an esoteric topic, with not much significance for the administration of justice. Contrary to such a superficial view, this area of law goes to the very heart of the functioning of a robust and liberal democracy operating under the rule of law. An essential characteristic of the rule of law is the existence of an impartial and independent judiciary. The author expresses this in the following eloquent manner: `Society rightly looks to the courts as bastions of the Rule of Law. If the public cannot look with confidence to judges ... the very notion of a "legal system" as a fundamental pillar of western society would collapse.`*

*Judges are individuals who live in the real world: they may own shares in companies; they experience the gamut of human emotions; they may belong to clubs and associations; they may provide voluntary services to charitable organisations; they sometimes engage in public discourse or give speeches on issues of public concern. A number of those who are appointed to senior judicial posts have practised at the Bar or have provided advice to the legislature or executive prior to their judicial appointment. Aspects of this life experience may on occasion constitute the basis of a challenge to the propriety of the judge adjudicating on a particular case. The law of judicial recusal contributes to the quality of the justice system but at the same time can be manipulated by a party to a litigation who is disappointed by the outcome and who is seeking an opportunity to have another bite of the cherry.*

*Dan premess, tajjeb jingħad illi anke jekk skont l-Art 733 u 734 tal-Kap 12 ma jkunx hemm bażi għar-rikuża jew għall-astensjoni ta` Imħallef, tista` tinħoloq sitwazzjoni fejn il-fatt li talba għal rikuża jew astensjoni tkun respinta ġġib magħha konflitt mal-jeddijiet fondamentali tal-persuna, u għalhekk il-ħarsien tal-*

*jeddijiet fondamentali jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet tal-ligi ordinarja (ara : QK :* ***Sant vs Kummissarju tal-Pulizija*** *: 2 ta` April 1990 ; QK* ***Cachia vs Onor Prim Ministru et*** *: 10 ta` Ottubru 1991 ; QK :* ***Bugeja et vs Onor Prim Ministru noe et*** *: 17 ta` Ġunju 1994 ; u PA/K :* ***Ghirxi vs Onor Prim Ministru et*** *: 1 ta` Novembru 1991).*

*Indipendentement mill-fatt jekk iċ-ċirkostanzi jkunux tali li jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuża tal-ġudikant skont il-liġijiet ordinarji, il-parametri ta` dawn il-liġijiet għandhom jitqiesu li jkunu twessgħu bid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li jħarsu s-smigħ xieraq (ara : QK :* ***Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et*** *: 17 ta` Lulju 1996).*

*Il-Qorti trid teżamina jekk fil-konkret, mhux fl-astratt, jistax jingħad li hemm jew jistax ikun hemm bias fil-ġudikant li jirrendi l-operat tiegħu soġġettivament jew oġġettivament parzjali. Kollox għandu jkun meqjus abbażi tal-fatti u ċirkostanzi ta` kull każ (ara :* ***Ghirxi vs Onor Prim Ministru et (****op. cit.) u ;* ***QK : E. T. Rev. Mons.Arcisqof G. Mercieca pro et vs Onor. Prim Ministru noe et :*** *22 ta` Ottubru 1984).*

*Biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta` ġudikant, din trid tkun waħda konkreta, mhux merament perċepita.*

*Ingħad illi :-*

*"il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f`kawża `tħoss` jew `jidhrilha` li ġudikant jista` jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta` dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f`kull kawża li tigi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa` l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta` dik il-kawża, mhux kull `ħsieb` ta` parzjalita` li jista` talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra,*

*jista` jingħad li huwa `oġġettivament ġustifikat`. It-test oġġettiv ta` l-imparzjalita`, anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli." [ara : QK :* ***Dr Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja et*** *: 25 ta` Novembru 2016 ; QK : 12 ta` Gunju 2017 :* ***Joseph Borg et vs Onorevoli Prim Ministru et*** *; QK :* ***Antonio Pace et vs Rev Henry Abela OP et noe*** *26 ta` Frar 2009).*

*Fil-Paġ 201 ta`* ***"Law of the European Convention on Human Rights*** *(Second Edition ; 2009 ; OUP) l-awturi* ***Harris, O`Boyle u Warbrick*** *igħidu hekk dwar l-Art 6 tal-Konvenzjoni : -The Court (b`riferenza ghall-ECtHR) has stressed that "the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively" (****Perez v France*** *– 2004 I ; 40 EHRR 909 para 64 GC).*

*Fil-Paġ 202 ikomplu jaffermaw illi :-*

*The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate ... A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct, with national court being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial.*

*Fil-Paġ 204 jinsistu illi :–*

*In some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant.*

Fil-Paġ 224 igħidu : –

*Article 6 does not control the content of a state`s national law; it is only a procedural guarantee of a right to a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law.*

*Imbagħad fil-Paġ 251 isostnu illi :–*

*The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings, requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties.*

*Igħidu wkoll fil-Paġ. 291 illi : -*

*"The objective test of `impartiality` is comparable to the English Law doctrine that `justice must not only be done: it must also be seen to be done`. In this context the [European] Court [of Human Rights] emphasises the importance of `appearances`. As the Court has stated, `[w]hat is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public …`*

*In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is `important but not decisive`; what is crucial is whether the doubt as to the impartiality can be `objectively justified`. [**Sramek v Austria** (1984) para. 42 ; 7 EHRR 351 **Fey v Austria A 255-A** (1993) ; 6 EHRR 387 para. 30]*

*Dan l-aħħar bran minn **"Law of the European Convention on Human Rights** isib konferma fil-kitba : **Judicial Impartiality Under the European Convention on Human Rights** : fejn **l-Imħallef Luzius Wildhaber**, li kien President tal-ECtHR bejn l-1 ta` Novembru 1998 u t-18 ta` Jannar 2007, ikkummenta hekk : -*

*"The difficulty in establishing a lack of personal impartiality has led the Court to concentrate on an objective approach, that is determining whether a judge offers sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt as to a lack of impartiality. In other words, in view of the difficulty of establishing to the required standard of proof whether or not a court is actually impartial, the case-law has looked at whether courts can be seen to be impartial. It is here that the Court has introduced the notion of appearances; what is at stake, as the Court has held, is the confidence which the courts must inspire in the public in a democratic society. Whether misgivings as to impartiality are to be regarded as objectively justified depends on the circumstances of each case. The Court has held that in criminal proceedings "while the standpoint of the accused is important", it is not decisive. What is decisive is whether, in criminal proceedings, the accused`s fear that a judge lacks impartiality can be held to be objectively justified. Thus it is not only that the person directly concerned by the proceedings must have apprehensions, but those fears must appear reasonable to the external observer".*

*L-imparzjalita` skont l-Art 6(1) tal-Konvenzjoni ingħatat tifsira fis-sens ta` nuqqas ta` preġudizzju jew bias :-*

*"There are two tests for assessing whether a tribunal is impartial : the first consists in seeking to determine a particular judge`s personal conviction or interest in a given case and the second is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect ... As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even appearances may be of some importance. It follows that when it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality, the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear*

*can be held to be objectively justified."* (*ara :* ***Lindon Otchakovskylaurens and July v France*** *deċiża fit-22 ta` Ottubru 2007 mill-ECtHR ; u* ***Piersack v. Belgium*** *: ECtHR : 1 ta` Gunju 1982).*

*Fil-każ ta`* ***Hauschildt v. Denmark*** *deċiż fl-24 ta` Mejju 1989, l-ECtHR irrimarkat illi : -*

*"The existence of impartiality for the purpose of* Article 6(1) *must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect."*

*Fid-deċiżjoni li tat fil-25 ta` Frar 1997 fil-każ ta` "***Findlay v. United Kingdom***" l-ECtHR kellha l-okkażjoni tippronunzja ruħha dwar l-indipendenza u l-imparzjalita` ta` tribunal :-*

*(a) The Court recalls that in order to establish whether a tribunal can be considered as "independent", regard must be had `inter alia` to the manner of appointment of its members and their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence.*

*(b) As to the question of "impartiality", there are* two aspects to this requirement. *First, the tribunal must be subjectively free of personal prejudice or bias. Secondly, it must also be impartial from an objective viewpoint, that is, it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect.*

*Fil-każ ta`* ***Daktaras v Lithuania*** *li kien deċiż fl-10 ta` Ottubru 2000, l-ECtHR sostniet il-prinċipju li :-*

*"The Court recalls that there are two aspects to the requirement of impartiality in Article 6 para. 1 of the Convention. First, the tribunal must be subjectively impartial, i.e. no member of the tribunal should hold any personal prejudice or bias. Personal impartiality is presumed unless there is evidence to the contrary. Secondly, the tribunal must also be impartial from an objective viewpoint, i.e. it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect (see* ***Academy Trading Ltd. And Others v. Greece****, no.30342/96, 4.4.2000, para. 43)."*

*Qalet ukoll:*

*"Under the objective test, it must be determined whether there are ascertainable facts, which may nevertheless raise doubts as to their impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all in the parties to the proceedings (ibid. para. 45)."*

*Fil-każ ta`* ***Kraska v. Switzerland*** *li kien deċiż fid-19 ta` April 1993, l-ECtHR osservat illi : -*

*"32. The Court has already stressed on numerous occasions the importance of appearances in the administration of justice, but it has at the same time made clear that the standpoint of the persons concerned is not in itself decisive. The misgivings of the individuals before the courts, for instance with regard to the fairness of the proceedings, must in addition be capable of being held to be objectively justified (see, among other authorities, mutatis mutandis, the* ***Hauschildt v. Denmark*** *judgment of 24 May 1989, Series A no. 154, p. 21, para. 48)".*

*Fil-ktieb :* ***Protecting the right to a fair trial under the European Convention*** *(Council of Europe Human Rights Handbook : Strasbourg : 2012) l-awtur*

***Dovydas Vitkauskas*** *jagħmel rassenja tal-prinċipji li jsawwru dak li għandu jfisser "an impartial tribunal" b`eżempji ta` sitwazzjonijiet naxxenti minn ġurisprudenza tal-ECtHR :-*

*"While the notion of the "independence" of the tribunal involves a structural examination of statutory and institutional safe-guards against interference in the judicial matters by other branches of power, "impartiality" entails inquiry into the court`s independence vis-à-vis the parties of a particular case (**Piersack**).*

*…*

*Independent and impartial tribunal established by law may lead to a violation of the impartiality requirement, even if there are no reasons to doubt the impartiality of other (or a majority of other) judges (**Sander v. the United Kingdom,** §§18-35). "Impartiality" is a lack of bias or prejudice towards the parties. The impartiality test exists in two forms: subjective and objective (**Piersack**).*

*The subjective test requires a more stringent level of individu-alisation/causal link, requiring personal bias to be shown by any member of the tribunal vis-à-vis one of the parties; subjective impartiality is presumed unless there is proof to the con-trary (**Piersack**). Examples of a lack of subjective impartiality :*

*public statements by a trial judge assessing the quality of the defence and the prospects of the outcome of the crimi-nal case (**Lavents**; this case involved a finding of the pre-sumption of innocence on these grounds), or giving negative characteristics of the applicant (**Olujić**, §§56-68);*

*statement by judges in the courtroom that they were "deeply insulted" while finding the applicant lawyer guilty of contempt of court (**Kyprianou**, 118-135, where the Court also held that no separate issue under the heading of presumption of innocence arose);*

*statement by an investigative judge in a decision to commit the applicant for trial that there was "sufficient evidence ofthe applicant`s guilt", where that judge subsequently triedthe applicant`s case and found him guilty (**Adamkiewicz v.Poland**, §§93-108).*

.....

*The objective test of impartiality necessitates a less stringent level of individualisation/causal link and, accordingly, a less serious burden of proof for the applicant. An appearance of bias or a legitimate doubt as to the lack of bias is sufficient from the point of view of an ordinary reasonable observer (**Piersack**). By contrast with the subjective test, an allegation of lack of objective impartiality creates a positive presumption for the applicant that can only rebutted by the respondent state if sufficient procedural safeguards are shown which exclude any such legitimate doubt (**Salov v. Ukraine**, §§80-86; **Farhi v. France**,§§27-32). Legitimate doubts as to the impartiality may appear as a result of previous employment of a judge with one of the parties (**Piersack**), intertwining of prosecutorial and judicial functions by the same person at different stages of the same proceedings (**De Cubber v. Belgium**, §§24-30), attempt at participation by the same judges at different levels of court jurisdiction (**Salov**), interference by a non-sitting judge (**Daktaras**), overlap of legis-lative/advisory and judicial functions (**Procola**, §§41-46), family, business or other previous relations between a party and the judge (**Sigurdsson v. Iceland**, §§37-46), and the same social habits and practices such as religious affiliation involving a party and the member of the tribunal (**Holm v. Sweden,** §§30-33).*

*Nonetheless, a sufficiently strong causal link must be shown between a feature alleged to call into question the objective impartiality of the tribunal on the one hand, and, on the other, the facts to be assessed (**Kleyn v. the Netherlands**,*

*§§190-202) or the persons (**Sigurdsson**) involved in the particular case. As a few jurors in defamation trial who were members of the political party which had been the principal target of the allegedly defamatory material (**Holm,** but see **Salaman**, dec.). A jury where certain members had previously made racist jokes concerning the applicant, despite the fact that those damaging statements were subsequently rebutted as improper by an individual juror who had made them and by the jury itself (**Sander**). Prosecutor speaking to jurors informally during a trial break, the presiding judge failing to inquire from the jurors on the nature of the remarks exchanged and the possible influence they might have had on the jurors` opinions (**Farhi**). Close family ties (uncle-nephew) between a judge and lawyer of the opposite party (**Micallef v. Malta**). Two members of a trial court who had earlier set or varied remand – including detention – referring to justification which had not been based on the prosecutor`s request for detention and which had implied admission of sufficiency of evidence against the applicant (**Cardona Serrat v. Spain**). Extremely virulent press campaign surrounding trail of two minor co-accused, coupled with the lack of effective participation by the defendants (**T. and V. v. the United Kingdom**, §§83-89; see also the effective participation requirement, page 54 below).*

......

*a sufficient degree of individualisation/causal link of the alleged bias of the tribunal is necessary even under the objective test (compare, for instance, the different conclusions in similar circumstances in **Holm and Salaman v. the United Kingdom**, dec. ; **Sigurdsson and Pullar v.the United Kingdom**, dec.).”*

*Issir referenza ukoll għal dak li ngħad minn Lord Denning fid-deċiżjoni fil-kawża **Metropolitan Properties Co. vs. Lannon** (1968) [3 All ER 304] :-*

*"In considering whether there is a real likelihood of bias, the court does not look at the mind of the justice himself or at the mind of the Chairman of the tribunal or whoever it might be, who sits in a judicial position. It does not look to see if there was real likelihood that he would, or did, in fact favour one side at the expense of the other. The court looks at the impression which would be given to other people. Even if he was impartial as could be, nevertheless if right-minded persons would think that, in the circumstances, there was a real likelihood of bias on his part, then he should not sit."*

*Il-Qorti tirreferi għas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta` Lulju 2005 fil-kawża :* **Sandro Chetcuti et vs L-Avukat Ġenerali et** *: fejn ingħad hekk :-*

*"Dwar x`inhu independent and impartial tribunal, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 talKostituzzjoni jitolbu li t-tribunal ikun indipendenti u imparzjali. "Indipendenza" tfisser indipendenza kemm mill-partijiet kif ukoll mill-esekuttiv ;*

*"Imparzjalita" tista` tkun soġġettiva jew oġġettiva. Hija soggettiva meta "the tribunal is subjectively impartial in the sense that its members are free from personal bias" u oggettiva "whether from an objective point of view there is sufficient appearance of impartiality or whether the guarantees of impartiality in a given situation are such as to exclude any legitimate doubt on the matter".*

*"L-imparzjalita` tal-membri tat-tribunal għandha tkun preżunta sakemm ma tinġiebx prova bil-kuntrarju (ara Le Compte, Van Leuven and De Meyeree 23.6.91) Huwa paċifiku wkoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi, id-deċiżjoni jekk teżistix jew le imparzjalita` ai termini ta` l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, trid tiġi bbażata fuq test soġġettiv, ċioe` fuq il-konvinzjoni personali tal-ġudikant partikolari f`każ specifiku, u wkoll fuq test oġġettiv, u ċioe` jekk il-ġudikant ikunx fil-każ partikolari joffri garanziji suffiċijenti sabiex jeskludi kull dubbju leġittimu ta` parzjalita`.*

*Il-Qorti sejra terġa` tiċċita minn "**Law of the European Convention on Human Rights**" (op. cit.) fejn inghad illi :-*

.....

*Fil-każ ta`* ***Kyprianou vs Cyprus*** *tal-15 ta` Diċembru 2005 l-ECtHR qalet hekk :-*

*"The Court reiterates at the outset that it is of fundamental importance in a democratic society that the courts inspire confidence in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused (see* ***Padovani v. Italy****, judgment of 26 February 1993, Series A no. 257-B, p. 20, § 27). To that end Article 6 requires a tribunal falling within its scope to be impartial. Impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. The Court has thus distinguished between a subjective approach, that is endeavouring to ascertain the personal conviction or interest of a given judge in a particular case, and an objective approach, that is determining whether he or she offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect (see* ***Piersack v. Belgium****, judgment of 1 October 1982, Series A no. 53, pp. 14-15, § 30, and* ***Grieves v. the United Kingdom*** *[GC], no. 57067/00, § 69, 16 December 2003). As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even appearances may be of some importance (see* ***Castillo Algar v. Spain****, judgment of 28 October 1998, Reports 1998-VIII, p. 3116, § 45, and* ***Morel v. France****, no.34130/96, § 42, ECHR 2000-VI). When it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality, the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively*

*justified (see **Ferrantelli and Santangelo v. Italy**, judgment of 7 August 1996, Reports 1996-III, pp. 951-52, § 58, and **Wettstein v. Switzerland**, no. 33958/96, § 44, ECHR 2000-XII).*

.....

*An analysis of the Court`s case-law discloses two possible situations in which the question of a lack of judicial impartiality arises. The first is functional in nature : where the judge`s personal conduct is not at all impugned, but where, for instance, the exercise of different functions within the judicial process by the same person (see Piersack, cited above), or hierarchical or other links with another actor in the proceedings (see court martial cases, for example, Grieves, cited above, and **Miller and Others v. the United Kingdom**, nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004), objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, which thus fails to meet the Convention standard under the objective test (see paragraph 118 above). The second is of a personal character and derives from the conduct of the judges in a given case. In terms of the objective test, such conduct may be sufficient to ground legitimate and objectively justified apprehensions as in Buscemi, cited above, but it may also be of such a nature as to raise an issue under the subjective test (see, for example, Lavents, cited above) and even disclose personal bias. In this context, therefore, whether a case falls to be dealt with under one test or the other, or both, will depend on the particular facts of the contested conduct."*

..........

*Fis-sentenza li tat fil-31 ta` Mejju 2018 fil-kawża fl-ismijiet **Sharon Rose Roche vs Avukat Ġenerali et** (konfermata b`sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta` Marzu 2019) din il-Qorti diversament presjeduta kien qalet hekk :-*

*"Il-ġudikant li jiddeciedi dwar ir-rikuza tieghu stess huwa li huwa indipendenti u imparzjali fid-deċiżjoni tiegħu.*

*Kif jgħid Sir William Blackstone fil-Commentaries on the Laws of England:*

*"For the law will not suppose a possibility of bias or favor in a judge, who is already sworn to administer impartial justice, and whose authority greatly depends upon that presumption and idea. And should the fact at any time prove flagrantly such, as the delicacy of the law will not presume beforehand, there is no doubt but that such misbehavior would draw down a heavy censure from those, to whom the judge is accountable for his conduct."*

*2. L-imparzjalita` tal-ġudikant huwa valur fundamentali tal-etika ġudizzjarja. Ġudikant għandu l-obbligu li jisma` u jiddeċiedi każ fuq il-provi u s-sottomissjonijiet imressqa u mhux fuq konsiderazzjonijiet mhux xierqa (improper considerations), hieles minn xi pregudizzju jew interess, dirett jew indirett, fl-ezitu tal-kawza jew fil-partijiet jew l-avukati li qed jillitigaw quddiemu. Dan l-obbligu huwa mnisseg fil-guramenti ta` lealta` u ta` hatra li jiehu kull gudikant qabel ma jibda jaqdi dmirijietu.*

*3. Il-ġudikant għandu jiddisponi minn talba għar-rikuża tiegħu b`mod ekwu u ġust (fairly) u jekk ma jagħmilx hekk, ikun qed jabbuża mid-diskrezzjoni tiegħu, kif ċirkoskritta mil-liġi u ikun hemm konsegwenzi serji għal tali abbuż.*

*4. Illi f`każ li ma jilqax it-talba (tar-rikuża), il-kawża titkompla, munita bil-garanziji kollha stabbiliti fil-qafas legali tagħna, inklużi dawk kostituzzjonali u konvenzjonali għall-protezzjoni tal-jedd tas-smigħ xieraq;*

*5. Dawn il-garanziji jipproteġu lill-partijiet fil-kawża f`każ li l-ġudikant eventwalment juri li huwa parzjali jew jagħti l-apparenza ta` parzjalita` (bias) biex jiddeċiedi l-kwistjoni bejn il-partijiet.*

*[ara wkoll is-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta` Ottubru 2018 fil-kawża fl-ismijiet* ***Avukat Peter Caruana Galizia et vs Kummissarju tal-Pulizija et****].*

.........

*Fuq nota finali fil-****Kodiċi tal-Etika tal-Membri tal-Ġudikatura ta` Malta****, hemm stipolat illi :*

*"15. Il-ġudikanti għandhom jaqdu d-dmirijiet tagħhom fid-dawl tal-kuxjenza tagħhom b`mod oġġettiv bla biża`, bla favuri u mingħajr preġudizzji, u dana skond il-liġijiet u d-drawwiet tal-pajjiż.*

*16. Il-ġudikanti għandhom d-dover li fil-qadi ta`dmirijiethom iwarbu kull preġudizzju u jiddeċiedu l-kawżi oġġettivament u unikament fuq il-meritu legali u fattwali tagħhom.*

*17. Il-ġudikanti għandhom iġibu ruħhom, kemm fil-Qorti u kemm ukoll barra l-Qorti, b`mod li ma jpoġġux fid-dubbju l-indipendenza u l-imparzjalità taghhom jew ta` l-uffiċċju li jokkupaw.*

*23. Il-ġudikanti ma għandhomx joqgħodu f`kawża meta huma jkunu jafu li dwarhom hemm waħda mir-raġunijiet ta` rikuża li jissemmew fil-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew fejn ikun ovvju l-perikolu jew preġudizzju għal smigħ xieraq, altrimenti huma għandhom l-obbligu li ma jabdikawx mid-doveri tagħhom."*

***L-imparzjalita` ta` ġudikant hija dejjem preżunta salv għal prova kuntrarja. L-istitut tar-rikuża jew ta` l-astensjoni ta` ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu jitressaq każ huwa mparzjali u li huwa dmir tiegħu (mhux sempliċi privileġġ jew favur) li jisma` u jaqta` kull kawża li titressaq quddiemu. Fil-fehma ta` din il-Qorti,***

***kemm għal dak li jirrigwarda t-test oġġettiv u kif ukoll dak soġġettiv, il-fattur li għandu jagħti lok għal dubju dwar l-imparzjalita` ta` l-ġudikant għandu jkun wieħed gravi*** ***[17].”***

Fid-dawl tal-prinċipji ġurisprudenzjali suesposti l-Qorti tagħmel diversi kunsiderazzjonijiet –

1. L-imparzjalita` tat-ġudikanti sedenti fil-Qorti tal-Appell fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni *Aluminium Extrusions Limited C7322 vs Malta Industrial Parks Limited* hija preżunta sakemm ma jintweriex mod ieħor bil-provi;

2. Sabiex jiġi rispettat id-dritt għal smigħ xieraq a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-ġudikanti fil-proċeduri in eżami ħtiġielhom juru mparzjalita' mhux biss soġġettivament imma anke oġġettivament, u ċioe` li joffru garanziji suffiċjenti sabiex jeskludi kull dubbju leġittimu ta` parzjalita`;

3. Hija l-fehma ferma tal-Qorti li fil-każ odjern, ma nġiebu ebda provi li jgħelbu l-preżunzjoni tal-imparzjalita' tal-imħallfin sedenti. Il-fatt li l-Qorti tal-Appell kif komposta ddeċidiet li ma tirrikużax ruħha fir-rigward tat-talba tas-soċjeta' rikorrenti dwar sospensjoni ta' eżekuzzjoni ta' sentenza li ddeċidiet hija stess, ma jwassalx għal ksur ta' drittijiet fundamentali tas-soċjeta' rikorrenti;

4. Il-ġurisprudenza suċċitata, inkluż dik tal-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem tafferma li r-rispett għad-dritt ta' smigħ xieraq tal-partijiet ma jippreklidix lill-Qorti li, fil-kuntest tal-istess każ li fih tkun ippresjediet, teżerċita

[17] Tipa grassa u sottolinear ta' din il-Qorti

diversi funzjonijiet. Hekk seħħ fil-każ fost oħrajn *Warsicka v. Poland* ċitat fis-suespost kif hemm spjegat;

5. Fuq l-istess binarji l-Qorti ma ssib ebda nuqqasijiet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Appell fil-proċeduri in eżami mill-aspett ta' ksur ta' dritt għal smiegħ xieraq. Infatti kif diġa' tajjeb irriteniet l-istess Qorti tal-Appell fit-13 t'April 2018 fid-digriet tagħha taċ-ċaħda tat-talba għal rikuża, permezz tat-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li saret fir-rikors tas-27 ta' Lulju 2017, il-ġudikanti in kwistjoni ma kinux qed jintalbu jeżaminaw mill-ġdid il-mertu *per se* ta' dak li kienu diġa' ddeċidew fis-sentenza tal-appell tat-28 t'April 2017 (anzi meta effettivament wasal dak l-istadju fejn kellu jiġi trattat ir-rikors innifsu għar-ritrattazzjoni, it-tlett ġudikanti li kienu ddeċidew is-sentenza tal-appell ġustament astjenew milli jisimgħu it-talba nfisha tas-soċjeta' rikorrenti għar-ritrattazzjoni tant li ġew sostitwiti minn tlett imħallfin oħra). Mela ma kien hemm ebda lok għar-rikuża tagħhom milli jiddeċiedu dwar it-talba tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Appell;

6. Infatti hija l-liġi stess, senjatament l-artikolu 823 (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li tiddetta l-kriterji li jeħtieġ jiġu sodisfatti għall-għoti tas-sospensjoni ta' sentenza, senjatament jekk min qiegħed jagħmel it-talba jagħtix garanzija tajba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza jekk ma tiġix imħassra u wkoll jekk l-eżekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti li titlob is-sospensjoni milli t-twaqqif ta' eżekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja. Dawn il-kriterji qatt qabel ma kienu ġew eżaminati mill-ġudikanti in kwistjoni li ddeċidew fuq il-mertu u għalhekk ir-rispett għad-dritt ta' smiegħ xieraq tas-soċjeta' rikorrenti f'ebda ħin ma ġie mittiefes;

7. Isegwi konsegwentement li l-eżami tar-rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-appell imressaq mis-soċjeta' rikorrenti involva biss punti ġodda, li ma kinux trattati qabel quddiem dawk it-tlett ġudikanti. B'hekk għall-Qorti b'ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jinstab li kien hemm xi riskju jew eventwalita' ta' nuqqas ta' mparzjalita' da parti tal-kompożizzjoni ta' mħallfin fil-proċeduri in kwistjoni;

8. Dan kollu jwassal għall-konklużjoni waħda u ċioe' li hemm distinzjoni netta bejn il-mertu tar-rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-28 t'April 2017 u l-mertu tar-rikors ta' ritrattazzjoni nnifsu mressaq mis-soċjeta' rikorrenti. Fiċ-ċirkustanzi ma jirriżultax li ġie mxekkel id-dritt għal smiegħ xieraq mill-aspett ta' mparzjalita' tal-Qorti fil-provvedimenti tal-Qorti tal-Appell tat-13 t'April 2018 u l-25 t'April 2018.

B'hekk it-tieni u t-tielet talba tas-soċjeta' rikorrenti sejrin jiġu miċħuda.

Għall-istess raġunijiet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati sejrin jintlaqgħu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' ntimata iżda tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha;**

**2. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali iżda tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**

**3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba tas-soċjeta' rikorrenti peress li fil-frattemp ġiet eżawrita filwaqt li tiċħad il-bqija tat-talbiet tagħha;**

**4. L-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tas-soċjeta' rikorrenti salv għal dawk marbutin mat-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' ntimata u mal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali li għandhom jagħmlu tajjeb għalihom l-istess intimati rispettivament.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**